TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 44/15-F

**Marisa u Simon Spencer**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' seba' mija, ħamsa u sebgħin ewro (€775), rappreżentanti ħsarat li ġarrbu fis-*solar panels* ikkawżati minn maltempata u riħ qawwi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi *tramite* s-soċjeta' Electrofix installa diversi *solar panels* fuq il-bejt, u wara li f'Diċembru 2014 kien hemm ġurnata b'riħ qawwi tant li kien deskritt bħala *rare cyclone*, dawn il-pannelli inqalgħu minn posthom u nkissru, u għalhekk qed jitlob id-danni lura peress li kien inxurjat mas-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ma kienet se tħallas xejn jekk kien hemm ħsara li ġiet ikkawżata minn difett fil-kostruzzjoni jew installazzjoni difettuża, jew *poor design* jew *workmanship.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti kien waħħal il-pannelli mal-bejt u kellhom anke *counterweight measures* fuqhom, u li jinnota li r-riħ li kien seħħ f'dik il-ġurnata kien riħ aktar qawwi minn normali tant li kien deskritt *rare cyclone* jiġifieri kien forza ta' ċiklun u li kien rari f'Malta.

It-Tribunal jinnota li l-installazzjoni la kienet difettuża u lanqas ħażina u li kienet tajba, illi kien riżultat ta' riħ esaġerat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' seba' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€775), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**